**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Settembru 2023**

**<u>Rikors nru: 212/2023 AGV ;</u>**

Dr. John Axiaq (ID 575083M) in rapprezentantza

Ta' AT

Vs

CB E

**Il-Qorti;**

**Rat l- Applikazzjoni ta' Dr. John Axiaq in raprezentanza ta' AT ;**

Jesponi bir-rispett:

1. Illi l-esponenti huwa awtroizzat jipproduci f'isem AT Kontra CB E ghal hall taz-zwieg u dan permezz ta prokura , kopja ta liema hija annessa u immarkata bhala Dok A;

2. Illi AT u CB E izzewgu fil-14 ta' Marzu 2015 fir-registru taz-zwieg fil-Belt Valletta (kopja tac-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok B) ;

3. Illi minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal;

4. Illi il-partijiet ilhom de facto separti minn Gunju 2018.

5. Illi permezz ta kuntartt ta separazzjoni datat 15 ta' Novembru 2022 redatt minn Nutar Ann Marie Saywell , l-applikanti ifformalizzaw is-separazzjoni taghhom. Kopja tal-kuntartt tas-separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok. C ;

6. Illi ma hemm l-ebda tama ta rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illum huma jghixu hajja kompletament indipendenti minn xulxin;

7. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

8. Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikluo 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :

1. Tippronunzja x-xoljiment taz-zwieg li gie ccelebrat fl-14 ta' Marzu 2015 bejn il-partijiet ;
2. Jekk tilqa' l-ewwel talba, tordna lir-Registratur tal-Qrati fi zmien moghti mill-istess Onorabbli Qorti biex jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku dawn ix-xoljimenti taz-zwieg hawn fuq imsemmi u dan sabiex ix-xoljiment ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat in- Nota ta' CBE**

Permezz taghha qed jammetti t-talbiet tal-attur nomine purche li hu m'ghandu jbati spejjez tal-kawza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 14 ta' Marzu 2015**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**